MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 1087/2000/1

Victoria **SCERRI** u żewġha Gerald *sive* Aldo Scerri għal kull interess li jista' jkollu

vs

Joseph **AQUILINA** bħala ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof, Amministratur tal-Beni Reliġjużi Djoċesani kollha ta' Malta u għan-nom u fl-interess ta' "*Id-Dar tal-Provvidenza*" u kif ukoll Monsinjur Reverendu Lawrence Gatt f'ismu personali u bħala Direttur u Amministratur u fl-interess ta' "*Id-Dar tal-Provvidenza*", għal kull interess li jista' jkollu fil-liġi; u b'Nota tat-13 ta' Novembru, 2000, Vincent Ċiliberti assuma l-atti tal-kawża minflok Joseph Aquilina, li miet fil-mori; u b'Nota tad-9 ta' Ġunju, 2005, Dr. Michelle Tabone, l-ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof bħala Amministratur tal-Beni tal-Entitajiet Ekkleżjastiċi kollha ta' Malta, assumiet l-atti minflok Joseph Aquilina li miet fil-mori tal-kawża

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-30 ta’ Mejju, 2000, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) issib li l-attriċi, mart l-attur l-ieħor, tat serviġi u għajnuna lil Emanuela *sive* Emma Żammit meta din kienet għadha ħajja u bit-tama li titħallas jew tingħata kumpens għal dik l-għajnuna u dawk is-serviġi; (b) tillikwida, jekk meħtieġ billi tqabbad perit, l-ammont xieraq li jirrappreżenta l-ħlas jew kumpens mistħoqq; (ċ) issib li l-imħarrkin, jew lil min minnhom bħala werriet universali tal-imsemmija Emanuela *sive* Emma Żammit, imisshom iħallsu lill-attriċi l-kumpens hekk likwidat; u (d) tikkundanna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, biex iħallsuhom il-kumpens hekk likwidat. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-3 ta’ Lulju, 2000, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li, preliminarjament, il-Monsinjur Lawrence Gatt ma jmissux tħarrek fil-kwalita’ tiegħu personali, għaliex m’għandu x’jaqsam xejn mal-każ, u lanqas fil-kwalita’ tiegħu ta’ amministrattur tad-“*Dar tal-Provvidenza*”, li jidher għaliha l-imħarrek *nomine* l-ieħor. Għalhekk talab li l-imħarrek Monsinjur Gatt jinħeles milli jibqa’ fil-kawża. Fil-mertu, laqagħu billi qalu li ma kienx hemm bżonn issir it-tielet talba għaliex din hija koperta fir-raba’ talba. Minbarra dan, huma ma jafu xejn direttament dwar il-każ u, mingħajr ħsara għall-fehma ċara li kull pretensjoni ta’ serviġi taqa’ b’għeluq ħames snin mill-mewt tal-persuna li lilha jkunu allegatament ingħataw is-serviġi, jistennew sakemm jitressqu l-provi tal-atturi biex jirregolaw irwieħhom;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-14 ta’ Lulju, 2000, li bih assenjat il-kawża quddiem il-Qorti li kellha tisma’ l-provi;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-2 ta' April, 2001, li bih ħatret lill-Avukat Claire Bonello bħala perit legali;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-Perit Legali fis-26 ta' Mejju, 2009[1], u minha maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tad-9 ta' Ġunju, 2009;

Rat in-Nota mressqa fil-11 ta' Ġunju, 2009[2], mill-enti mħarrka "*Id-Dar tal-Provvidenza*" li biha talbet il-ħatra ta' periti addizzjonali għaliex ħassitha aggravata bil-fehmiet tal-perit legali;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi fit-12 ta' Ġunju, 2009[3], li biha huma wkoll talbu l-ħatra ta' periti addizzjonali, liema talba huma rtiraw waqt is-smigħ tat-23 ta' Lulju, 2009;

Rat li lanqas l-imħarrkin ma baqgħu jisħqu aktar għall-ħatra ta' periti addizzjonali;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Novembru, 2009, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' serviġi. L-attriċi tgħid li għamlet żmien taqdi lil persuna bit-tama li tingħata kumpens għal dan il-qadi. Dik il-persuna mietet u b'testment ħalliet lid-"*Dar tal-Provvidenza*" bħala werrieta universali tagħha. Billi Żammit ma kienet qatt laħqet ikkumpensatha, qiegħda tfittex lill-imħarrkin biex iħallsuha l-kumpens mistħoqq;

[1] Paġġ. 82 – 105 tal-proċess
[2] Paġ. 189 tal-proċess
[3] Paġ. 190 tal-proċess

Illi l-imħarrkin laqgħu billi qalu li l-Monsinjur Gatt personalment ma huwa bl-ebda mod responsabbli lejn l-atturi għall-kumpens mitlub, u wkoll bħala l-persuna li (kienet) tmexxi d-"*Dar tal-Provvidenza*", ma hix il-persuna li messha tħarrket. Dwar il-mertu, l-imħarrkin ma kienu jafu xejn, imma żammew sħiħ il-jedd tagħhom li jirregolaw irwieħhom minn dak li joħroġ waqt is-smigħ tal-każ, bla ħsara għall-kontenzjoni tagħhom li ma setgħux jintalbu serviġi li jmorru lil hinn minn ħames snin qabel il-mewt tal-persuna allegatament mgħejjuna;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li l-atturi żżewġu fl-1987. L-attriċi kienet għamlet żmien iddur b'waħda armla bl-isem ta' Emanuela (magħrufa bħala Emma) Żammit, li tiġi zit żewġha l-attur l-ieħor. Emma Żammit. Żewġha miet fl-1996 u l-attriċi baqgħet iddur biha. Dan baqgħet tagħmlu sa l-aħħar żminijiet ta' ħajjet Żammit li mietet testata fi Frar tal-2000[4]. L-attriċi ma ssemmiet imkien fl-imsemmi testment li hija għamlet ftit anqas minn sena qabel mewtha[5]. It-testatriċi, minbarra li istitwiet għadd ta' legati favur qraba tagħha (fosthom wieħed favur l-attur, neputiha), ħalliet b'werrieta universali tagħha tal-ġid kollu tagħha lid-"*Dar tal-Provvidenza*", bil-kundizzjoni li din tqiegħed minnufih lil-legatarji fil-pussess tal-legati minnha mħollijin lilhom;

Illi l-attriċi kienet bdiet iżżur lill-miżżewġin Żammit sa minn ftit qabel ma kienet iżżewġet lill-attur. Wara li żżewġet lill-attur, kienet tmur madwar tlitt darbiet fil-ġimgħa għal madwar ħames (5) sigħat kull darba fid-dar ta' John u Emma Żammit f'San Ġiljan biex taħsel il-villa tagħhom. Wara li Żammit romlot, kienet biegħet id-dar ta' Monte Rosa Gardens f'San Ġiljan u marret tgħix f'dar f'San Ġwann. Hemm ukoll l-attriċi kienet tmur għandha ta' spiss biex taħsel id-dar tagħha. Darba fil-ġimgħa kienet tinżel fil-post li Żammit kellhom f'Marsaxlokk biex tnaddfu. Wara li Emma Żammit romlot, it-taħbit żdied u l-attriċi kienet tistidinha għall-ikel nhar ta' Ħadd. Żammitha wkoll fid-dar tagħha għal xi jiem meta mardet. L-attriċi kienet ingħatat iċ-ċavetta tad-dar ta' Żammit;

[4] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[5] Dok "B", f'paġġ. 6 – 9 tal-proċess

Illi rriżulta li f'xi żmien kienu wkoll imorru nies oħrajn jgħinu lil Żammit fid-dar tagħha. Fost dawn kien hemm *helpers* tal-Gvern u wkoll qarib ieħor tagħha (Charles Azzopardi, miżżewweġ lil oħt Emma Żammit);

Illi fl-aħħar żminijiet[6], Żammit kienet milquta minn marda kiefra li għall-kura tagħha l-attriċi kienet twassalha fl-isptar għall-kemoterapija u ġieli qattgħet il-jum ħdejha sakemm kien jitqassam l-ikel lill-pazjenti rikoverati. Żammit kienet daħlet tgħix f'dar tax-xjuħ fir-Rabat, fejn kienet mietet;

Illi f'Mejju tal-2000, l-atturi fetħu din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ tal-lum, jidher li dawn huma marbutin l-iżjed mal-kwestjoni taż-żmien sakemm imissu jmur lura l-istħarriġ meħtieġ tal-pretensjonijiet attriċi. Dan qiegħed jingħad għaliex l-eċċezzjoni waħdanija li tassew tipprova twaqqaf l-azzjoni attriċi hija dik li titkellem dwar l-itwal żmien li jmissu jitqies għall-finijiet tal-kalkolu talkumpens li jista' jkun mistħoqq. Din kienet ukoll waħda mis-sottomissjonijiet ewlenin magħmula mill-għaref difensur tal-imħarrkin waqt it-trattazzjoni tal-għeluq meta jisħaq li l-perit legali naqset li tistħarreġ dan l-aspett tal-kawża;

Illi huwa stabilit li l-bażi ta' azzjoni għal servizzi mogħtija trieġi fuq żewġ sisien: jiġifieri, fuq il-kważi-kuntratt u fuq il-preżunzjoni li min jagħti servizz lil ħaddieħor jagħmel hekk bil-fehma li jitħallas ta' dak li jagħmel[7]. Minbarra dan, ilu żmien twil aċċettat li l-ħlas ta' serviġi jista' jkun dovut mhux biss *jure actionis*, jiġifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll *officio judicis*, jiġifieri meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jitħallas tiegħu[8] jew kien imwiegħed ħlas għalih. Biex wieħed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li titħallas, għandu jitqies il-waqt meta ngħataw

---

[6] Xhieda ta' Dr Kenneth Muscat 2.5.2006, f'paġġ. 169 – 170 tal-proċess

[7] Ara, per eżempju, P.A. CS **11.7.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Cassar vs Lawrence Seychell*** (Mhix pubblikata)

[8] P.A. **3.10.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Briffa noe*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.664**) u P.A.DS **13.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***George Sciberras et vs Josephine Spiteri et***

tali servizzi, għaliex iċ-ċirkostanzi li jseħħu wara ma jservux biex joħolqu b'lura dritt ta' fehma li ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li joħolqu[9];

Illi l-allegazzjoni li ma kienx hemm ftehim m'hijiex ta' xkiel għal sejbien ta' responsabblita' għall-ħlas ta' serviġi. Għalhekk, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha li fihom ikunu ngħataw is-servizzi biex minnhom wieħed jipprova jsib x'kienet tassew il-fehma kemm ta' min ta s-servizz u, wisq aktar, ta' min lilu jkunu ngħataw[10];

Illi, fuq kollox, il-fatt li jista' jkun hemm rabta ta' qrubija bejn min jagħti u min jirċievi s-servizzi, jista' u ġeneralment ifisser li tali servizzi saru bit-tama tal-ħlas jew kumpens xieraq. F'dan ir-rigward illum il-ġurnata huwa stabilit li kull serviġi, wkoll mogħtijin lill-qraba ta' dak li jkun, jitqiesu li jkunu ngħataw bit-tama ta' kumpens jew ħlas sakemm ma jintweriex bla ebda dubju li dak il-qadi ngħata bla ħsieb ta' kumpens jew ħlas[11];

Illi, allura, huwa naturali li jsegwi minn dan kollu li biex titwaqqa' l-preżunzjoni li serviġi ngħataw bi ħsieb ta' ħlas, jeħtieġ li min jallega li x-xogħol sar b'xejn irid iġib provi tajbin u konvinċenti biżżejjed biex iwaqqagħha;

Illi l-fatt li min ta s-servizzi kellu fi ħsiebu xi għamla ta' għarfien ieħor minbarra ħlas dirett (bħal, per eżempju, it-tama li jitħalla bħala werriet jew legatarju jew benefiċjarju b'xi titolu li jkun mill-wirt tal-persuna mgħejjuna) huwa element indikattiv tal-fehma tan-non-gratuwita' tas-servizz mogħti, ukoll jekk dik it-tama jew wegħda li tkun saritlu tisfuma fix-xejn għal raġuni li l-persuna li serviet ma jkollhiex kontroll fuqha[12];

Illi **dwar jekk huwiex minnu li l-attriċi tat is-servizzi** lil Emma Żammit, il-provi mressqa (l-aktar mill-atturi nfushom) juru abbundantement li dn kien hekk il-każ.

---

[9] P.A. **6.10.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Deidun vs Poggi et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.568**) u App Ċiv. **22.5.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Delicata et vs Anthony Saliba pro et noe*** (mhix pubblikata)
[10] P.A. PS **28.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Schembri et vs Aldo Busuttil***
[11] Ara, per eżempju, P.A. RCP **25.4. 2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Caruana vs Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXXVI.iii.174**) u TM **11.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Catania pro et noe vs Maria Aġius***
[12] P.A. PS **28.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Borġ vs Carmen Gaffiero et***

Huwa minnu li l-kawża nfetħet meta l-persuna mgħejjuna kienet mietet u meta l-werrieta (f'dan il-każ l-imħarrkin) ma kinux midħla ta' dak li kien qiegħed jiġri fiż-żmien li kien qiegħed iseħħ. Iżda l-atturi ressqu 'l quddiem bosta persuni b'xhud tagħhom li kollha ikkonfermaw li l-attriċi kienet ilha għal żmien twil iddur b'Emma Żammit u li kienet tagħmel servizzi u xogħlijiet ta' impenn u strapazz, li kienu wkoll ta' natura mżewqa (minn ħasil u tindif tad-dar sa tisjir u kif ukoll tindif u kura tal-persuna mgħejjuna) u mogħtija fuq bażi frekwenti u regolari u li jitolbu ċertu ħin matul il-jum. L-imsemmija xhud jikkonfermaw ukoll saħansitra l-kliem li Emma Żammit innifisha kienet tgħid dwar il-ħidma magħha tal-attriċi u kemm kienet tafulha u tafdaha b'dak il-qadi. Fin-nuqqas tal-persuna mgħejjuna nnifisha, l-Qorti jidhrilha li din ix-xhieda hija ammissibbli u meħtieġa[13]. Fuq kollox, l-imsemmija xhud ma kinux ilkoll qraba tal-attriċi jew tal-persuna mgħejjuna[14], imma saħansitra nies barranin li raw l-affarijiet iseħħu waqt il-qadi tad-dmirijiet tagħhom[15], jew minħabba l-ġrajja li seħħew jew il-postijiet fejn dak il-qadi ngħata u seta' jidher. Dawn iċ-ċirkostanzi, fil-fehma tal-Qorti, jżidu s-saħħa tal-prova miġjuba u jtennu l-pretensjonijiet tal-atturi f'dan ir-rigward;

Illi minn dawn il-provi joħroġ ukoll li dak il-qadi li wettqet l-attriċi kien jinvolvi sens ta' sagrifiċċju u wkoll ċaħda, l-aktar jekk wieħed kellu jqis li l-attriċi tgħid li issagrifikat impieg offrut lilha biex tkun f'qagħda li tista' ddur b'Żammit. Irriżulta wkoll li l-attriċi kienet tonfoq minn butha biex tkun tista' tixtri dak li Żammit kienet tkun teħtieġ;

Illi l-attriċi tagħmilha ċara li hija għamlet dak li għamlet ma' zit żewġha bil-ħsieb li tingħata xi kumpens[16]. Dan il-ħsieb intwera fiż-żmien li dak il-qadi kien qiegħed jingħata u ntwera li l-istess persuna mgħejjuna kienet tagħraf dan il-

---

[13] Art. 599 tal-Kap 12

[14] Xhieda ta' Mary Azzopardi 3.6.2001, John Scerri 16.4.2002, Blanche Joslin 29.11.2005 f'paġġ. 111, 116 u 162 -3 tal-proċess rispettivament

[15] Xhieda ta' Doris Nurton (*helper* tax-xjuħ mid-Dipartiment) 16.4.2002, Martin Micallef 16.4.2002, Vanessa Dowling 4.4.2002, Pio Micallef (*activity co-ordinator* f'Villa Messina) 4.4.2002, Felix Cassar (ġar ta' Żammit) 14.11.2002 u Joseph Formosa (*porter* fl-Isptar Sir Paul Boffa) 14.11.2002, f'paġġ. 116, 117, 118, 119 – 120 , 121 – 3 u 124 – 5 tal-proċess rispettivament

[16] Xhieda tagħha 5.6.2000, f'paġ. 110 tal-proċess

ħsieb u kienet ukoll twiegħed li 'l min kien qiegħed idur biha ma tinsiehx. F'waqt tal-kawża l-atturi jsemmu saħansitra li f'xi testment ieħor li Emma Żammit kienet għamlet qabel l-aħħar wieħed[17] (li bih ħassret kull testment ieħor preċedenti tagħha), kienet ħallitilhom parti sewwa mill-ġid ġeneruż tagħha. Il-Qorti ma sabitx prova ta' dan il-fatt fl-atti tal-kawża, u kopja tal-imsemmi testment kienet tkun xhieda siewja ħafna f'dan ir-rigward. Dan jingħad l-aktar minħabba l-kwestjoni tal-aspetti ta' preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi, aktar milli dwar jekk l-atturi jmisshomx jitwemmnu dwar dak li jgħidu f'dan ir-rigward;

Illi l-imħarrkin ressqu wkoll xhud min-naħa tagħhom (x'aktarx qraba oħrajn ta' Emma Żammit) li qalu l-fehma tagħhom dwar is-sehem tal-atturi fil-ħajja ta' Żammit[18]. Iżda minn tali xhud joħroġ ukoll il-fatt li l-attriċi kienet tgħin u taqdi lil Żammit[19]. Jidher li wkoll min-naħa tal-imħarrkin, il-ħsieb kien li jnaqqas is-siwi tal-qadi li kienet tagħmel l-attriċi aktar milli jiċħdu għal kollox. Kemm hu hekk, f'waqt minnhom tal-kawża, l-imħarrkin ressqu xhieda mogħtija minn qarib ieħor tal-istess Żammit (ħuha Charles Azzopardi) f'kawża oħra ta' serviġi li huwa ressaq kontra l-wirt tal-istess Żammit[20];

Illi madankollu, mill-ġabra sħiħa tal-provi mressqa u mill-attendibilita' tagħha, il-Qorti tasal għall-fehma sħiħa li l-attriċi (l-iżjed) tassew wettqet qadi għal tul ta' żmien li kien ta' fejda u ġid għal Emma Żammit u li l-istess Emma Żammit aċċettat u kienet tagħraf li ngħatalha. Joħroġ ukoll li l-attriċi u l-attur għamlu dan bil-ħsieb li Żammit tikkumpensahom. Fuq kollox, joħroġ li l-attriċi qatt ma tħallset minn Żammit għal dak li għamlet magħha, għall-kuntrarju ta' żewġha l-attur Geraldo Scerri li ngħata somma ta' ħamest elef lira Maltija (Lm 5,000)[21] b'legat fl-istess testment ta' zitu Emma Żammit. L-ewwel talba tirrigwarda biss is-serviġi mogħtija mill-attriċi;

---

[17] Xhieda tagħha fil-kontro-eżami 14.2.2002, f'paġġ. 114 – 5 tal-proċess

[18] Ara, per eżempju, x-xhieda ta' Brian Scorey 6.4.2006, Dr Jonathan Joslin 17.1.2008 f'paġġ. 166 – 7 u 174 – 6 tal-proċess

[19] Ara, per eżempju, x-xhieda ta' Joanne Vassallo 13.3.2006 f'paġġ. 164 tal-proċess

[20] Ċitazz, Nru. 1134/00RCP fil-kawża fl-ismijiet "*Charles Azzopardi vs Joseph Aquilina noe et*" li għadha qiegħda tinstema'

[21] Li jġibu € 11,646.87 fi flus tal-lum

Illi għalhekk il-Qorti toqgħod fuq il-fehma li waslet għaliha l-perit legali u ssib li din hija mistħoqqa u sejra tilqagħha;

Illi f'dan il-waqt il-Qorti jidhrilha li għandha tistħarreġ il-kwestjoni ta' **liema huwa ż-żmien rilevanti li jmissu jitqies biex jitkejjel il-kumpens dovut lill-attriċi** qabel ma tgħaddi għal-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-attriċi;

Illi l-imħarrkin jgħidu li wkoll kieku kellu jirriżulta (bħalma fil-fatt irriżulta) li l-attriċi jistħoqqilha tingħata kumpens għas-serviġi li wettqet ma' Emma Żammit, għandu jittieħed qies biss ta' dak il-qadi li sar fl-aħħar ħames snin qabel il-mewt tagħha, jiġifieri sa Frar tal-1995. L-imħarrkin isejsu din l-aċċezzjoni tagħhom fuq dak li jipprovdi l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili[22]. Fuq kollox, kif diġa' ngħad qabel, huma jilmintaw mill-fatt li l-perit legali naqset għal kollox milli tieħu qies ta' din iċ-ċirkostanza fil-konsiderazzjonijiet magħmulin minnha fir-Relazzjoni tagħha;

Illi jekk wieħed iħares lejn ir-Relazzjoni tal-perit legali ma jsib imkien li din l-eċċezzjoni tqieset minnha. Hija ħadmet il-kumpens fuq medda bejn l-1987 sa l-1992 u bejn il-bidu tal-1993 sa Frar tal-2000;

Illi f'materja ta' talbiet għal kumpens ta' għoti ta' serviġi r-regola hi li ż-żmien preskrittiv huwa ta' ħames snin[23]. Dan jgħodd ukoll minkejja li s-serviġi jkunu baqgħu jingħataw tul medda ta' żmien[24]. Iżda dik il-preskrizzjoni tinkiser b'kull mod magħruf mil-liġi bħala raġuni li twaqqaf iż-żmien tal-preskrizzjoni (kemm jekk b'att ġudizzjarju u kif ukoll bl-għarfien tal-obbligazzjoni min-naħa tal-persuna mgħejjuna[25]). Madankollu wieħed irid jiddistingwi bejn l-għarfien bħala stqarrija espressa tal-obbligazzjoni, mill-fatt tal-aċċettazzjoni tas-servizz mogħti lilu;

Illi jekk min irċieva s-servizzi kien għaraf dan il-fatt f'xi att pubbliku, ma jistax iqanqal il-preskrizzjoni tal-pretensjoni

---

[22] Ara n-Nota tagħhom f'paġ. 54 tal-proċess
[23] App. Ċiv. **22.10.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Debono vs Portelli*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.207**)
[24] Art. 2151(1) tal-Kap 16
[25] Ara, per eżempju, P.A. **22.5.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Sacco et noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.342**)

għall-ħlas magħmula minn min ikun ta s-servizzi. Sakemm dak l-att ma jitħassarx b'ieħor, iż-żmien tal-preskrizzjoni jkun wieqaf. B'mod partikolari, jekk f'testment jitħalla legat ta' ħlas lil xiħadd għal servizzi mogħtija lit-testatur, dak il-legat għandu s-saħħa ta' dikjarazzjoni affermattiva ta' stqarrija ta' kumpens[26]. L-għarfien mhux bilfors iseħħ b'kitba f'dan is-sens, iżda jista' jsir bil-fomm[27], għalkemm il-prova ta' dan trid tkun aktar qawwija u ċara minn sempliċi riferenza għal xi diskors ġeneriku jew impliċitu;

Illi madankollu f'dan ir-rigward il-fatt waħdu li l-persuna debitriċi tal-obbligazzjoni tkun baqgħet taċċetta l-qadi li jkun sar magħha mhux dejjem jissarraf fl-għarfien tal-obbligazzjoni tagħha lejn min ikun qiegħed jaqdiha. Kemm hu hekk qamet matul is-snin il-kwestjoni jekk kemm-il darba dik l-aċċettazzjoni twaqqax il-preskrizzjoni dwar serviġi li jkunu ngħataw fi żmien ta' qabel[28]. Jidher li x-xejra preponderanti tad-deċiżjonijiet f'dan ir-rigward hi fis-sens li dik l-aċċettazzjoni ma żżommx ħajja l-pretensjonijiet ta' kumpens dwar serviġi li jkunu saru fi żmien aktar qabel minn ħames snin. Għalhekk, f'dak il-każ, iż-żmien li jrid jitqies għall-ħlas tal-kumpens irid ikun l-aħħar ħames snin qabel ma dak il-qadi jkun intemm[29]. Meta l-persuna li magħha saru s-serviġi tkun hekk baqgħet tingħata s-serviġi sa ma mietet, dak iż-żmien jitkejjel minn ħames snin qabel il-mewt tagħha[30];

Illi mix-xhieda li tinsab fl-atti, l-Qorti ssib li filwaqt li hemm elementi biżżejjed biex tasal għall-fehma li Emma Żammit kienet qiegħda tilqa' l-qadi li kienet tagħmlilha l-attriċi u li hija kienet tippreferi lill-attriċi biex iddur biha (u saħansitra li stqarret din il-preferenza ma' oħrajn), b'dan kollu ma hemmx provi inekwivokabbli li l-istess Żammit kienet qiegħda tqis li hija obbligata li tagħti kumpens lill-attriċi. Il-

---

[26] P.A. DS **2.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Catherine Coleiro vs Francesca Saveria Balzan et*** (mhix pubblikata)
[27] App. Ċiv. **16.9.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Borġ noe et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.260**), P.A. **6.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa et vs Gauċi et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.iii.217**) fost bosta oħrajn
[28] P.A. **17.1.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe et vs Aġius noe*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.515**)
[29] Maġ (Għ) AE **26.9.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġiovanna Ħili vs Emanuel Cardona et*** (mhix appellata)
[30] App. Ċiv. **1.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġeorge Sciberras et vs Josephine mart Leonard Spiteri et***

kliem li jingħad li wżat seta' kien iwebbel jew jillużinga lill-atturi biex jaħsbu li kienu se' jmorru tajjeb wara mewtha;

Illi f'dan il-każ, l-atturi mexxew il-kawża madwar tliet xhur wara l-mewt ta' Emma Żammit. Ma jidhirx li qabel għamlu dan kienu bagħtu ittra uffiċjali lill-werrieta. Lanqas ma jidher li qatt interpellaw lil Żammit innifisha biex tħallas il-kumpens mistenni. Jista' jkun li dan ġara – kif donnhom ifissru l-atturi – għaliex kienu jemmnu li Żammit kienet sejra tħallihom benefiċjarji fit-testment tagħha. Imma dak il-ħsieb waħdu ma jgħoddx biex iwaqqaf kull żmien ta' preskrizzjoni li seta' għadda kontra l-istess atturi. Huwa minħabba f'hekk li aktar qabel f'din is-sentenza, l-Qorti semmiet dan il-fatt, għaliex dan sejjer ikun determinanti għall-kwestjoni tal-ammont ta' kumpens likwidat;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonjiet, il-Qorti ssib li t-tielet eċċezzjoni tal-imħarrkin hija mistħoqqa u dwar it-talba attriċi għall-ħlas tal-kumpens għandu jittieħed qies taż-żmien ta' ħames snin qabel il-mewt ta' Emma Żammit;

Illi għal dak li jirrigwarda **l-likwidazzjoni tal-kumpans dovut lill-attriċi**, tajjeb li jingħad li fost il-kriterji magħrufa[31] li xieraq jitqiesu meta wieħed jiġi biex ikejjel il-kumpens dovut, wieħed isib (i) il-frekwenza u x-xorta tas-serviġi mogħtija, (ii) il-mezzi tal-persuna mgħejjuna, (iii) il-grad ta' qrubija bejn min jaqdi u l-persuna mgħejjuna, (iv) il-kedda u t-tbatija involuti biex jingħataw is-serviġi li dwarhom jintalab kumpens, (v) l-grad ta' ħila jew speċjaliżżazzjoni meħtieġa biex jingħataw tali serviġi, (vi) jekk xi qadi jidħolx għalih kulħadd jew jekk iġibx stmerrija f'min jintalab jagħmlu minħabba li jkun "*di bassa lega*", (vii) jekk mal-għoti tas-serviġi l-persuna tkunx ukoll daħlet fi spejjeż jew infieq minn butha, u (viii) jekk il-persuna moqdija tkunx fi stat ta' saħħa mwiegħer jew dgħufija;

Illi dwar il-frekwenza u x-xorta tax-xogħol mogħti mill-attriċi lil Emma Żammit, jirriżulta mill-atti li dawn kienu konsistenti u ta' impenn mhux traskurabbli. Dwar dan, il-Qorti diġa' tat il-konsiderazzjonijiet tagħha waqt li kienet

---

[31] P.A. GV **31.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Annunziata Brincat vs Joseph Aquilina noe*** fost bosta oħrajn

qiegħda tqis l-ewwel talba attriċi. Jidher ukoll mill-provi mressqa, kemm orali[32] u wkoll dokumentali[33], li Emma Żammit kienet fakultuża, tant li kellha bosta kontijiet bankarji intestati f'isimha kemm f'Malta u kif ukoll barra minn Malta. Dan minbarra l-ġid immobbiljari jew jeddijiet fuq l-imsemmi ġid li jissemma fit-testment tagħha wkoll. Jirriżulta wkoll li l-attriċi ġieli nefqet minn butha biex setgħet tgħin lil Żammit (dan kien jinkludi xiri, trasport b'tal-linja biex tmur għand Żammit jew nefqiet ta' materjal bħal faxex u ħwejjeġ bħalhom). Uħud mis-serviġi li l-attriċi kienet tagħti – l-iżjed lejn l-aħħar xhur ta' ħajjet Żammit – kienu skabrużi u li trid stonku biex tagħmilhom sewwa, l-aktar ma' persuna milquta b'marda terminali u li kienet mixħuta fis-sodod bla ma tista' tiċċaqlaq liberament. Saħħet Żammit ukoll kienet marret għall-agħar lejn l-aħħar xhur tant li kien għalhekk li daħlet fid-djar tax-xjuħ fir-Rabat;

Illi l-perit legali wkoll għarfet dawn iċ-ċirkostanzi kollha u qisithom biex waslet għall-kalkolu tal-kumpens mistħoqq lill-attriċi fuq il-bażi ta' kumpens fuq medda ta' ġimgħa. Il-Qorti fliet il-kalkoli mwettqa u ma ssibx raġuni għalfejn għandha titbiegħed minnhom, għajr forsi għal kejl wieħed fejn tissemma ċ-ċifra ta' "56" billi sena fiha tnejn u ħamsin (52) u mhux sitta w ħamsin (56) ġimgħa;

Illi fid-dawl tal-fatt li l-Qorti tqis mistħoqqa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, il-kalkolu tal-kumpens misħtoqq lill-attriċi iġib is-somma ta' tnax-il elf ħames mija u sebgħa u disgħin euro (€ 12,597)[34] għall-finijiet tat-tieni talba attriċi;

Illi ladarba l-kawża saret kontra min inħatar bħala werriet universali tal-mejta Emma Żammit, u ladarba jidher mill-atti li l-werriet hekk maħtur aċċetta dak il-wirt, joħroġ li t-**tielet talba** tirriżulta wkoll mistħoqqa u sejra tintlaqa'. Għall-kuntrarju ta' dak li jgħidu l-imħarrkin fit-tieni eċċezzjoni tagħhom, din it-talba m'hijiex żejda għaliex min-natura tal-azzjoni (jiġifieri waħda mibnija fuq il-kważi-kuntratt) ma qiegħed jintalab xejn żejjed li din il-Qorti ma

[32] Xhieda ta' Audrey Ghigo 8.7.2004 u Henry Delezio 8.7.2004, f'paġġ. 131 – 2 tal-proċess
[33] Dok "AG1", Dokti "PG1" sa "PG11", u Dokti "CZ1" u "CZ2", f'paġġ. 133 – 5, 138 – 154 u 157 – 8 tal-proċess
[34] € 48.45 x 52 x 5 = € 12,597

kienx se' jkollha xorta waħda tistħarrġu biex tara jekk il-pretensjonijiet attriċi kinux diretti kontra l-persuni xierqa;

Illi jifdal biss li l-Qorti tistħarreġ **l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin. Din trid li l-imħarrek Monsinjur Lawrence Gatt jinħeles mill-kawża minħabba li la fil-kwalita' tiegħu personali u lanqas bħala l-persuna li kienet tmexxi d-"*Dar tal-Provvidenza*" fiż-żmien rilevanti, ma messu kien imħarrek fil-kawża. L-istess eċċezzjoni żżid tfisser li l-Monsinjur ma kellu l-ebda rabta personali mal-pretensjonijiet attriċi u wkoll bħala direttur tad-Dar, din tinsab diġa' rappreżentata mill-imħarrek l-ieħor;

Illi jidher li din l-eċċezzjoni hija mistħoqqa, u l-ġudizzju kien u huwa integru bil-preżenza tal-ekonomu waħdu. Fuq kollox, jidher li huwa minnu wkoll li l-Monsinjur Gatt ma jistax iwieġeb personalment għall-pretensjonijiet tal-atturi għaliex hu ma tħalla bl-ebda mod benefiċjarju tal-wirt ta' Emma Żammit;

Illi għalhekk din l-eċċezzjoni sejra tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-attriċi wettqet serviġi lil Emanuela *sive* Emma Żammit li kienu ta' ġid għal din u li dwarhom l-istess attriċi stenniet li tingħata kumpens;

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-imħarrkin** u ssib li l-imħarrek Monsinjur Lawrence Gatt m'huwiex il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni attriċi la fil-kwalita' tiegħu personali, u lanqas safejn tħarrek bħala direttur u amministratur tad-"*Dar tal-Provvidenza*" u għalhekk qiegħda teħilsu milli jibqa' fil-kawża, bi spejjeż għall-atturi;

**Tilqa' f'parti t-tielet eċċezzjoni** billi ssib li f'dan il-każ tgħodd il-preskrizzjoni ta' ħames snin fir-rigward taż-żmien li jrid jitqies għall-finijiet tal-likwidazzjoni tas-serviġi pretiżi mill-atturi;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida l-kumpens dovut lill-attriċi fis-somma ta' tnax-il elf ħames mija u sebgħa u disgħin euro (€ 12,597), bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tilqa' t-tielet talba**;

**Tilqa' r-raba' talba** u tikkundanna lill-imħarrek Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof iħallas lill-atturi s-somma hekk likwidata u l-imgħaxijiet miġmugħa;

Tordna li l-imħarrek *nomine* jħallas **l-ispejjeż tal-kawża** marbutin mal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet, filwaqt li l-atturi jħallsu l-ispejjeż marbutin mal-ewwel u mat-tielet eċċezzjonijiet.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------